# MINN FEJN ĠEW IL-PJANTI U L-ANNIMALI MALTIN?

*Martin Thake*

Xi wħud forsi jistaqsu kif il-pjanti u l-annimali li nsibu jgħixu madwarna sabu ruħhom fil-gżejjer Maltin. L-istorja tal-Gżejjer Maltin tibda madwar tletin miljun sena ilu meta dawn il-gżejjer kienu għadhom qed jiffurmaw taħt wiċċ il-baħar. Is-saffi tal-blat li jsawru l-gżejjer Maltin iffurmaw f'qiegħ il-baħar mill-fdalijiet ta' annimali u pjanti li kienu jgħixu fil-baħar sħun li kien igħatti ċ-ċentru tal-Mediterran. Madwar sitt miljun sena ilu, dan it-tiswir waqaf meta qiegħ il-baħar għola tant li medda art akbar mill-gżejjer Maltin tfaċċat fil-wiċċ. Din l-art, għalkemm ma kellhiex il-forma li għandhom il-gżejjer Maltin illum, nistgħu xorta waħda nsejħulha Malta. Ftit wara, il-livell tal-baħar niżel biżżejjed biex kixef art bejn il-gżira ta' Malta, Sqallija u l-Afrika.

Ħlejjaq li jqattgħu ħajjithom fuq l-art ġeneralment ma jkunux kapaċi jaqsmu meded kbar ta' baħar. Dawk il-ftit annimali u pjanti li nsibu fuq gżejjer f'nofs ta' baħar, ġeneralment jaslu hemm fuq zkuk ta' siġar jew ġewwa siġar mejtin u vojta minn ġewwa li jinġarru minn kurrenti ta' ilma. Xi żrieragħ żgħar jistgħu jinġarru anke fit-tajn li jaqbad ma' saqajn l-agħsafar. Meta gżira tkun viċin biżżejjed ta' xi kontinent, bħal fil-każ ta' Malta, dan jista' jsir aktar spiss.

Minkejja dan, nafu li l-biċċa l-kbira tal-ħlejjaq li jgħixu hawn Malta ġew minn Sqallija, u nafu li l-biċċa l-kbira waslu Malta meta din kienet magħquda ma' Sqallija permezz ta' medda art. Dan sar wara li l-art telgħet f'wiċċ il-baħar jew wara li l-livell tal-baħar niżel. Meta gżira żgħira tingħaqad ma' gżira akbar, jew ma' kontinent, il-ħlejjaq li jgħixu fuq il-kontinent jinvadu l-gżira. Hekk ġara bosta drabi fil-każ ta' Malta.

Ftit inqas minn sitt miljun sena ilu, Malta, Sqallija u l-Afrika ingħaqdu meta nkixfet medda art bejniethom. Ħafna mill-ħlejjaq ta' dawn l-artijiet qasmu għal fuq Malta. Meta din il-medda art tgħattiet mill-ġdid mill-baħar il-gżira kbira li sejjaħnilha Malta reġgħet inqatgħet weħidha u baqgħet hekk għal madwar tliet miljun sena. Meta

popolazzjoni ta' annimali jew pjanti tinqata' għal żmien twil għaliha waħidha minn popolazzjonijiet oħra, tista' tinbidel tant li tifforma speċi jew razza ġdida. Xi wħud mill-ħlejjaq li nqatgħu minn ma' dawk ta' Sqallija fil-fatt tbiddlu tant li biż-żmien saru razez jew speċi Maltin ġodda.

Matul dan l-ewwel perjodu ta' Malta bħal gżira, insibu ħafna pjanti u annimali li tant inbidlu u saru differenti li llum jinstabu biss fil-gżejjer Maltin. Ħlejjaq bħal dawn insejħulhom endemiċi. Fost dawn insibu l-pjanta nazzjonali ta' Malta, Widnet il-Baħar, li tikber biss ma' xi rdum fin-nofsinhar tal-gżejjer Maltin. Fost l-annimali endemiċi nsibu wkoll tliet razez ta' bebbux ta' l-art li jgħix fil-blat: waħda tinstab fir-riserva naturali ta' Filfla; oħra fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli u l-oħra, li hija l-aktar komuni, tinstab bejn il-Baħrija u l-Imtaħleb. Hemm kwalità oħra ta' bebbux li minħabba l-għamla tagħha bil-Malti nistgħu nsejħulhom **Żugraga**.



*Iż-Żugraga* (Trochoidea sp.)



Lampedusa syracusana mamotica *bebbuxu li jinsab fi ftit lokalitajiet biss, bħal dik ir-roqgħa mhedda fil-Munxar, Għawdex.*

Minn dawn insibu tliet speċi endemiċi prinċipali fuq Malta u fuq Għawdex. Nafu b'ħafna ħlejjaq endemiċi oħra, iżda jidher ċar li l-biċċa l-kbira minnhom inqerdu meta Malta reġgħet ingħaqdet ma' Sqallija għat-tieni darba, u ħlejjaq ġodda li ġew minn Sqallija ħadu post ħafna mill-endemiċi Maltin.

Din it-tieni għaqda ma' Sqallija aktarx saret madwar żewġ miljun sena ilu. Iżda ma tantx damet wisq u għal darb'oħra Malta reġgħet sabet ruħha gżira. Dan sar madwar miljun sena ilu, jiġifieri żmien imbiegħed biżżejjed biex jerġgħu jiffurmaw razez ta' ħlejjaq u pjanti endemiċi. Fost dawn l-endemiċi reċenti nsibu kwalità ta' bebbux tal-blat. Wieħed minn dawn il-bebbux tal-blat instab għall-ewwel darba minn Giuseppe Mamo, u ġie deskritt minn Gavino Gulia, li semmieh għal Mamo.

Dan il-bebbuxu rari jinstab fi ftit lokalitajiet biss, bħall-Munxar, f'Għawdex. Ir-roqgħa fejn igħix dan il-bebbux hi mhedda mill-bini ġdid li tiela' fil-punent tal-Munxar, u fil-fatt, diġà nqered ħafna mill-ambjent fejn kien jinstab dan il-bebbuxu. Ta' min igħid li ma hux possibbli li dan il-bebbux jittieħed post ieħor għax inkella jitħallat mar-razza tal-bebbux tal-post il-ġdid u hekk tinbidel ir-razza. Sfortunatament, għadhom ma ttieħdu l-ebda passi biex dan il-bebbuxu uniku jiġi mħares.

Wara li Malta u Sqallija infirdu għattieni darba, il-gżira kbira ta' Malta bdiet nieżla 'l isfel bil-mod il-mod, u waqt li kienet nieżla, inqasmet. Ħafna mill-biċċiet li nqasmu minnha niżlu taħt wiċċ l-ilma, u ż-żewġ biċċiet kbar li baqgħu mikxufa nafuhom illum bħala



*Fdalijiet ta' annimali li darba kienu jgħixu hawn Malta.*



Lampedusa imitatrix gattoi *bebbuxu endemiku ieħor li jinsab biss fuq il-gżira ta' Filfla.*

Malta u Għawdex. Biż-żmien, anke l-ħlejjaq ta' dawn iż-żewġ gżejjer ġodda saru differenti, tant li nsibu ħlejjaq endemiċi għaż-żewġ gżejjer. Wieħed minn dawn huwa l-bebbuxu li skopra Mamo. Hemm ukoll żewġ razez ta' Żugraga, waħda fuq Malta u l-oħra fuq Għawdex, u dawn ir-razez iffurmaw wara li Malta u Għawdex infirdu.

Huwa magħruf li biż-żmien il-klima saret aktar kiesħa, u minn żmien għal żmien, iffurmaw meded kbar ta' silġ, li bl-Ingliż jissejħu *glaciers*. Dawn ħadu ħafna ilma mill-baħar u b'hekk il-livell tal-baħar niżel. L-aħħar darba li niżel il-livell tal-baħar b'dan il-mod kien bejn 22 u 18-il elf sena ilu. Qabel dan il-perjodu ta' kesħa (*ice age*) kien hemm perjodi oħra ta' kesħa kbira. Tul l-aħħar żewġ perjodi ta' kesħa, il-gżejjer Maltin ingħaqdu ma' Sqallija u ħafna

ħlejjaq minn Sqallija reġgħu ġew fil-gżejjer Maltin. Għalhekk, ħafna mill-pjanti u annimali li nsibu jgħixu fil-gżejjer Maltin illum huma fin-numru kbir tagħhom ħlejjaq minn Sqallija jew mill-Italja, li waslu fil-gżejjer Maltin matul iż-żmien tal-kesħa.

Mill-fdalijiet li nstabu Għar Dalam u mkejjen oħra, nafu li hawn Malta kienu jgħixu hafna ħlejjaq kbar li llum inqerdu għal kollox. Fost dawn kien hemm kwalità ta' iljunfant nanu, grawwa kbira, żwiemel, ippopotami, orsijiet, ċriev u bosta annimali oħra interessanti. Aktarx kien il-bniedem li kkawża l-qerda ta' xi wħud minn dawn il-ħlejjaq. Uħud minnhom għebu fil-bikri ħafna, iżda xi wħud, bħaċ-ċriev, karkru saż-żmien Neolitiku.

Barra minn dawn hemm numru ta' ħlejjaq komuni ħafna li ġabhom il-bniedem. Per eżempju, il-kamalejonte twassal Malta mill-Afrika ta' Fuq madwar mitt sena ilu. Xi patrijiet ġiżwiti ġabu magħhom numru ta' kamalejonte u ħarrbuhom fil-ġnien ta' dar li kell-hom dak iż-żmien f'San Ġiljan. Illum, dan ir-rettilu nfirex ma' Malta u qiegħed joktor fis-selvaġġ.

Iżda għandna nkunu kburin l-aktar b'dawk li huma endemiċi. Dawn l-ispeċi ma jinstabu mkien aktar fid-dinja ħlief f'pajjiżna. Għalhekk għandna responsabbiltà lejn il-pajjiżi l-oħra kollha. Dawn il-ħlejjaq endemiċi huma tagħna daqs kemm hi tagħna l-kultura tagħna; iżda faċli jistgħu jintilfu. Hija ħasra li dan il-wirt naturali Malti għadu ma ngħatax importanza biżżejjed, u dawn il-ħlejjaq uniċi għadhom ma ġewx imħarsa bil-liġi.



## *Kliem ta' min Jixtarru*

Chief Seathl tat-tribù ta' Suwamish ta' l-istat ta' Washington, f'ittra li kien kiteb fl-1855 lill-President ta' l-Istati Uniti, qal:

*"Jekk l-annimali kollha jgħibu, il-bniedem imut għax iħossu waħdu fl-ispirtu, għaliex kull ma jiġri lill-annimali, jiġri wkoll lill-bniedem. Il-ħajja kollha hija nisġa. Dak li jiġri lid-dinja, jiġri wkoll lil ulied id-dinja."*